# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 20 ta' Jannar 2022**

Appell numru 118/2019

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Emanuel ELLUL**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 t'April 2019 fil-konfront ta' Emanuel ELLUL (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24564M li ġie mixli talli, in suċċint, f'dawn il-Gżejjer, fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, rċieva mingħand Cyril u Mary Rose konjġi Worley jew kiseb mingħand l-istess konjuġi, xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self imgħaxijiet, jew xi qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-Liġi.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat ELLUL ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu għall-piena ta' multa ta' tmint elef euro (€8,000) u priġunerija għal żmien tnax il-xahar li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali din is-sentenza ma kellhiex tidħol fis-seħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' tmintax il-xahar mid-data tas-sentenza il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 295Ċ(5) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' tnejn u għoxrin elf, erba' mija u tletin euro (€22,430) liema ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fis-sensi tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Emanuel ELLUL appella minn din is-sentenza, fejn talab lill-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u fl-eventwalita li ma tilqax l-aggravji tal-appellant u tikkonferma l-ħtija, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 298C(5) tal-Kodiċi Kriminali u dan wara li (in suċċint) stqarr is-segwenti:

    I. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet enunċjazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-Liġi. L-appellant qabel ma' dik il-Qorti li hija setgħet issib biss ħtija fl-appellant jekk ikun pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li l-elementi kostituttivi tar-reat ikun seħħew mill-1 ta' Jannar 2012 il-quddiem u mhux qabel dik id-data. Għalkemm dik il-Qorti qalet li l-element materjali tas-self irid jiġi pruvat bħala element kostituttiv tar-reat, iż-żmien rilevanti għandu jitqies biex jiġi determinat meta effettivament seħħ ir-reat u l-mument meta saret il-wegħda jew aċċettazzjoni għall-ħlas tal-imgħax b'eċċess ta' dak permess mill-Liġi u mhux neċessarjament il-mument li fih sar dak is-self. L-appellant isostni pero li din l-interpretazzjoni tal-Liġi mhix korretta u saħaq li f'dan il-każ wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat tal-użura ossija s-self seħħ barra mill-parametri temporali tal-imputazzjoni u b'hekk ma setgħax jingħad li seħħ ir-reat tal-użura f'dan il-każ. Biss f'dan il-każ l-appellant jgħid li ma kienx hemm self

u b’hekk anqas u anqas setgħa kien hemm l-użura. Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li f’dan il-każ kien hemm self, xorta tibqa’ li l-Qorti tal-Maġistrati interpretat il-Liġi ħażin meta qalet li l-appellant kien irċieva korrispettiv għas-self li jmur oltre dak permess mill-Liġi meta żamm għalih il-bilanċ kollu tar-rikavat tal-bejgħ. L-att materjali tar-reat tal-użurija jirrikjeta li s-suġġett attiv ikun irċieva jew kiseb mingħand is-suġġett passiv xi wegħda li jingħataw imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor lis-suġġett attiv in eċċess għal dak permess bil-Liġi. Għalhekk l-element materjali jeħtieġ azzjoni bilaterali u mhux unilaterali. Huwa biżżejjed li jkun hemm l-aċċettazzjoni taż-żewġ partijiet. Inoltre l-ġurisprudenza tgħallem li l-mument konsumattiv tar-reat iseħħ hekk kif issir il-wegħda li jitħallas imgħax għola minn dak permess mill-Liġi – fejn dan l-aspett bilaterali jirrigwarda l-att materjali tar-reat a differenza tad-dolo rikjest għall-istess. Anke d-dottrina ċitata mill-Qorti tindika l-ħtieġa li jkun hemm xi forma ta’ ftehim bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat għal dak li jirrigwarda l-att materjali. F’dan il-każ, anke jekk wieħed kellu jaċċetta li jistrieh biss fuq il-verżjoni tal-parte civile, xorta jirriżulta li dan l-element ta’ ftehim bilaterali kien nieqes. Semai jekk il-Qorti kellha tistrieh fuq il-verżjoni tal-parte civile, kien jirriżulta reat ieħor iżda mhux dak ta’ użurija.

II. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti. Dan l-apprezzament imur dijametrikament oppost għal dak magħmul mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-30 ta’ Jannar 2015. Inoltre dik il-Qorti għamlet l-apprezzament tal-fatti biex tikkonkludi li kien hemm il-ħtija bażat biss fuq x’fehmu jew riedu jifhmu l-parte civile. Meta għamlet hekk dik il-Qorti injorat dak li xehdu n-Nutar Rachel Busuttil, Dr. Ian Stafrace u George Vassallo nonche interpretat ħażin lil Dr. Alex Perici Calascione.

III. Illi mingħajr preġudizzju għal dawn iż-żewġt aggravji, l-komputazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sensi tal-artikolu 298C(5) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx korretta in kwantu ma kkunsidratx ħlasijiet oħra li kien għamel l-appellant.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta'

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza**

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-"best evidence rule", ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-"**hearsay**" u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-"**hearsay evidence**", u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-"**hearsay evidence**" kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista’ jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ ‘Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija’ (13 ta’ Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim’Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista’ tkun hearsay, tista’ tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F’dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:’

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta’ dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma’ provi u ċirkostanza oħra tista’ wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.’ (1 t’April 2011 ‘Il-Pulizija versus Fabio Schembri’ preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta’ Lulju 2015, ir-regola dwar il-“**hearsay evidence**” ġiet spjegata b’dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta’ x’qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala

prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-

riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI FUQ IL-MERITU TAL-APPELL

**L-aggravji dwar il-meritu tal-kawża sejrin jiġu trattati flimkien in kwantu huma marbuta ma xulxin**

29. Illi in suċċint l-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet enunċazzjoni żbaljata u inkompleta tal-liġi meta ddikjarat illi ż-żmien relevanti li għandu jitqies biex jiġi determinat meta effettivament seħħ ir-reat huwa l-mument meta saret il-wegħda jew aċċettazzjoni ta' imgħax b'eċċess ta' dak permess mil-liġi u mhux neċessarjament il-mument li fih sar is-self. In oltre jekk hu hekk, wieħed mill-elementi kostittuttivi tar-reat seħħ barra mill-parametri legali għal din l-akkuża. L-appellant l-anqas ma qabel meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddikjarat illi f'dan il-każ kien hemm self li jmur oltre dak permess mill-liġi meta l-appellant żamm il-bilanċ tal-prezz mill-bejgħ kollu għalih : u dan peress illi jrid ikun hemm xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet dwar l-element tal-imgħax li jkun għola minn dak previst mill-Liġi. Dan l-element kien kompletament nieqes anki jekk wieħed kellu jistrieħ fuq dak li ddikjaraw il-parte ċivile. Mix-xiehda tagħha jirriżulta li dan il-ftehim dwar imgħax għola minn dak stipulat mill-Liġi huwa nieqes għal kollox.

30. Inoltre, ir-raġunament tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jmur kontra dak iddikjarat fis-sentenza **Cyril Worley et vs. Emanuel Ellul et** deċiża mill-Imħallef Anthony Ellul li kien qiegħed jippresjedi

l-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta’ Jannar 2015[9] fejn ġie kkonfermat illi l-ftehim li sar bejn il-partijiet ma kienx wieħed ta’ self iżda bejgħ. F’dan ir-rigward ukoll, jidher ċar illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skartat dak li xehdu n-nutara u l-avukati nvoluti f’dan il-każ.

31. Din il-Qorti tippremetti li reġgħet fliet kemm l-atti ta’ din il-kawża kif ukoll rat kemm is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Cyril Worley u Mary Rose Worley vs. Emanuel Ellul u Mary Ellul** tat-30 ta’ Jannar 2015, kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell datata 27 ta’ Marzu 2020.

32. Illi nhar l-20 ta’ Marzu 2012 il-Pulizija kienu rċevew kwerela mingħand l-avukat David Camilleri għan-nom tal-konjuġi Worley fejn ġie allegat illi l-appellant kien ikkommetta użura fil-konfront tagħhom. Mill-istħarriġ tal-Pulizija irriżulta illi f’April 2011 il-konjuġi Worley kienu ssellfu s-somma ta’ €13,000 mingħand l-appellant fejn nhar id-19 t’April 2011 filwaqt li kienu ffirmaw kostituzzjoni ta’ debitu favur l-appellant fil-preżenza tan-nutar sabiex jagħmlu tajjeb għal dan is-self.

33. Fl-istess xahar il-konjuġi Worley kienu issellfu €3500 oħra mingħand l-appellant fejn din id-darba l-konjuġi Worley intalbu sabiex jagħtu l-vettura VW Golf li kienu xtraw mill-Ingilterra lill-appellant, u liema vettura kienet oriġinarjament inxtrat bil-prezz ta’ €10,500. L-appellant kien talabhom ukoll is-somma ta’ €1500 ai fini ta’ reġistrazzjoni tal-istess vettura liema somma kienet tħallset lilu in kontanti.

34. Sussegwentement l-appellant kien talab lill-appellanti sabiex iħallsuh is-somma ta’ €6000 allegatament rappreżentanti spejjeż tar-reġistrazzjoni, u liema somma kienet ser titnaqqas mill-bejgħ tal-propjeta’ li kienu ser ibiegħu il-konjuġi Worley. Il-vettura in kwistjoni reġgħet għaddiet lura għand il-kwerelanti f’April 2012 iżda baqgħet reġistrata fuq l-appellant.

35. F’Ġunju 2011 il-kwerelanti reġgħu issellfu somma ta’ €73,000 mingħand l-appellant bil-kundizzjoni li jirreġistraw ipoteka fuq ir-residenza tagħhom favur l-appellant iżda xi ġranet wara filwaqt li Mary Rose Worley kienet imsiefra, l-appellant kien ikkomunika ma Cyril Worley fejn infurmah li kellhom jittrasferixxu r-residenza

[9] Liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza mogħtija nhar is-27 ta’ Marzu 2020.

taghħom flimkien mal-garaxx tal-istess bħala sigurta' għalih fid-dawl ta' dan it-tieni self li kien tahom. Il-partijiet qablu li jagħmel hekk permezz ta' kuntratt quddiem in-Nutar Rachel Busuttil f'Ġunju 2011 versu l-prezz ta' €93,000 allavolja din kienet stmata ferm iktar. Fil-fatt it-taxxi ġew imħallsin fuq il-preżż reali fis-suq.

36. Intant il-konjuġi Worley ftehmu mal-appellant sabiex jibqgħu jirrisjedu f'din il-propjeta' sakemm din tinbiegħ lil terzi u ġaladarba dan iseħħ l-appellant kellu jieħu sehmu ċioe €16,500 u €73,000 apparti l-interessi stipulati mill-liġi filwaqt li l-kumplament tal-flus jgħaddi għandhom apparti l-vettura Volkswagen Golf.

37. Il-konjuġi Worley stinkaw sabiex isibu lil xi ħadd li jkun lest li jixtri l-fond li kienu biegħu lill-appellant. Fil-fatt sabu lil ċerti konjuġi Galea li kienu qablu li jixtru l-istess fond versu l-prezz ta' mitejn u tletin elf euro (€230,000).

38. Tnax-il jum wara li kien sar il-bejgħ, nhar it-28 ta' Frar 2012, kien sar ftehim ieħor bejn l-appellant u l-konjuġi Worley fejn l-appellant kien għadda lill-konjuġi Worley s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt euro (€27,500) u dan il-ftehim kien sar bil-miktub quddiem l-Avukat Alex Perici Calascione.

39. Skond il-kalkoli magħmula mill-Pulizija - fid-dawl dejjem tal-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellant Ellul – dan kien jifdallu jħallas is-somma globali ta' €166,540.88 li kienu tħallsu kemm bħala boll kif ukoll senserija u peress illi l-appellant qala' s-somma ta' €165,525.15 hu kien allegatament obbligat li jagħti id-differenza lura bejn din is-somma u l-ammont ta' €90,000 favur il-konjuġi Worley. Meta l-Pulizija tkellmu mal-appellant u skond dak li qalilhom hu, il-Pulizija kienu tal-fehma illi l-appellant kien għamel qliegħ bl-interessi ta' l-fuq minn 67%.

40. Sussegwentement ittieħdu l-proċeduri fil-konfront tal-appellant, u wara li l-Qorti semgħet il-provi prodotti quddiemha u filwaqt li iddeċidiet tiskarta l-istqarrija tal-appellant a bażi ta' s-sentenzi kostituzzjonali in materja, dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tar-reat ta' użurija għal dak li jirrigwarda t-tieni self li kien sar, fejn kienet tal-fehma wkoll illi l-ftehim illi sar bejn il-partijiet kien realment self kammuffat bħala kuntratt ta' bejgħ.

**Ikkunsidrat**

41. Ir-reat tal-użurija fil-Liġi Maltija, skont l-artikolu 298Ċ tal-Kodiċi Kriminali huwa dak ir-reat kommess minn:

> 298Ċ. (1) Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' pruġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) sa erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (34,940.60).
>
> (2) L-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) tapplika għal kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi servizz li jkun jikkonsisti f'xi benefiċċju ieħor ta' liema xorta jkun, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li jkun xort'oħra sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti.
>
> (3) L-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) tapplika wkoll għal kull min, minkejja li ma jkunx kompliċi fir-reat imsemmi fl-istess subartikolu, jindaħal biex jipprokura għal persuna oħra ammont ta' flus jew xi benefiċċju ieħor billi jġiegħel persuna tagħti jew twiegħed li tagħti, lilu stess jew lil oħrajn, minħabba fl-indħil tiegħu, kumpens sproporzjonat b'mod grossolan.
>
> (4) Għall-finijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3), sabiex jiġi stabbilit jekk l-imgħaxijiet ikunux, jew jekk xi qligħ jew kumpens ikunx, sproporzjonat b'mod grossolan għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-fatt u tar-rati medji li soltu jingħataw għal ħidmiet bħal dik inkwistjoni.
>
> (5) Meta, matul proċeduri kriminali għal reat taħt dan l-artikolu jiġi ppruvat quddiem il-qorti li l-akkużat irċieva mingħand xi persuna oħra ammont ta' imgħax, jew korrispettiv f'ammont, b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi jew li xort'oħra jkun sproporzjonat b'mod grossolan mas-servizz mogħti, il-qorti għandha tordna lill-akkużat iħallas lill-persuna l-oħra dak l-ammont li jista' jiġi stabbilit mill-qorti bħala li jkun l-eċċess li jkun irċieva l-akkużat kif ingħad qabel. Dak l-ordni tal-qorti jkun bla ħsara għal xi dritt ta' dik il-persuna l-oħra biex tiġbor b'xi mod ieħor kull ammont akbar dovut lilha u l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv li jista' jiġi esegwit bħallikieku kien sentenza finali mogħtija f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna li lilha jiġi ordnatil-ħlas.
>
> (6) Il-piena għal reat taħt dan l-artikolu għandha titnaqqas bi grad meta l-akkużat, qabel is-sentenza finali, jirrifondi l-ammont eċċessiv li jkun irċieva lill-persuna li mingħandha kien irċieva l-ammont imsemmi.

42. Filwaqt li dan ir-reat jagħmel ħsara lill-patrimonju ta' persuni privati, huwa wkoll ritenut reat li jaffettwa ħażin ukoll lill-ekonomija

pubblika. Huwa reat li għandu impatt negattiv fuq il-liberta kontrattwali peress li joħnoq l-espressjoni tal-liberta kontrattwali ta' waħda mill-partijiet li tkun se tidher fuq kuntratt ta' self. Minħabba f'hekk l-użurija huwa wkoll ritenut bħala reat "in contracto" għax jirrifletti l-imġieba illegali li sseħħ fil-kors tal-formazzjoni jew twettieq tal-ftehim ta' self bejn il-partijiet li jkunu sejrin jidħlu fil-kuntratt ta' self. B'hekk il-Liġi trid tħares mhux biss l-integrita tal-patrimonju tas-suġġett passiv, iżda wkoll il-liberta tiegħu li jidħol f'kuntratt ta' self u li d-deċiżjoni tiegħu li jidħol fil-kuntratt ma tkunx influwenzata ħażin.

43. L-elementi li jridu jiġu pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni sabiex ir-reat tal-użurija jitqies integrat, ġew spjegati minn dawn il-Qrati[10] bil-mod segwenti:

> Illi dan ir-reat gie ifformulat fuq l-artikolu 644 tal-Codice Penale Taljan ghalkemm il-kliem adoperat mill-legislatur malti mhuwiex identiku ghal dak l-artikolu tal-ligi[11], liema disposizzjoni tal-ligi taljana sussegwentement giet emendata.
>
> Dan ifisser allura illi:
>
> "l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b'korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b'eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm umbaghad artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina."[12]
>
> Mela allura b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament u dak li tipprovdi il-ligi jirrizulta illi l-konsumazzjoni tar-reat isehh hekk kif issir il-weghda li jithallas imghax oghla minn dak permess bil-ligi. Ighid hekk il-gurista Francesco Antolisei:
>
> "La consumazione si verifica nel momento in cui gli interessi o vantaggi usurari sono dati o semplicemente promessi, e cioe' nel momento della patuazione."
>
> Il-gurista ikompli ighid illi huwa tal-fehma illi dan ir-reat ghalkemm wiehed istantanju (u mhux reat permanenti) madanakollu ghandu effetti permanenti u dan tul iz-zmien meta isiru il-hlasijiet relattivi tal-imghaxijiet in esekuzzjoni

---

[10] **Il-Pulizija vs. Rosario Brincat** deċiża nhar is-6 ta' Jannar 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Imħallef Edwina Grima.

[11] l-1 644, 1° "si ha quando taluno si fa dare o promettere, sotto qualsiasi forma, per se' o per altri, in corrispettivo di una prestazione di denaro o di altra utilita', interessi o altri vantaggi usurari."

[12] App.Krim.Inf. Il-Pulizija vs George Xuereb – deciza 15/01/2009.

tal-patt uzurarju bil-konsumazzjoni ta’ l-istess izda issehh mal-mument tal-kontrattazzjoni illecita.

Ikompli dwar l-element formali tar-reat:

“Il dolo e’ costituito dalla volonta di farsi dare o promettere determinati interessi o vantaggi che superano il limite legale, con la coscienza ... che gli interessi o altri vantaggi o compensi sono sproporzionati rispetto alla propria prestazione ..”[13]

Mela allura dak illi irid jirrizulta mill-provi huwa qabel xejn dan il-ftehim ta’ self bejn l-vittma u l-awtur tad-delitt, bil-konsapevolezza tal-awtur illi qed jintalab imghax jew qliegh in eccess minn dak permess fil-ligi.

“Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv.... Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn.”[14]

44. Illi mistqarr dan kollu allura jinħtieġ l-ewwel u qabel kollox li jkun sar self bejn il-partijiet filwaqt li jkun sar ftehim dwar wegħda ta’ ħlas ta’ korrispettiv jew imgħax li jkun għola mill-limitu massimu stabbilit bil-Liġi. F’dan il-każ, qam il-punt, deċiżament kontrovers bejn il-partijiet, li huwa dwar jekk f’dan il-każ il-ftehim li sar bejniethom kienx kuntratt ta’ self jew kienx kuntratt ta’ bejgħ kundizzjonat.

45. Dan ukoll kien parti mill-meritu tal-kwistjoni li ġiet riferita lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili f’kawża li fetħu l-konjuġi Worley kontra l-appellant u martu. Dawk il-proċeduri kienu essenzjalment ibbażati fuq l-istess fatti li sawru dan il-każ.

46. Dawk il-proċeduri ċivili ġew fi tmiemhom, b’mod finali u konklussiv, b’sentenza tal-Qorti tal-Appell. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell Ċivili, kolleġjalment komposta, f’dik il-kawża ċivili, ikkonfermat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili li kienet sabet li f’dan il-każ il-verżjoni tal-parte civile li kien hemm self ta’ flus bl-użura ma kienetx treġi. Din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili ġiet pubblikata u tagħmel stat (ta’ natura ċivili) bejn il-partijiet f’din il-kawża. Din il-Qorti ħadet “Judicial Notice” tagħha, anke peress saret referenza għaliha matul it-trattazzjoni ta’ dan l-appell.

[13] **Manuale di Diritto Penale** - Parte Speciale I (2016)
[14] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. George Xuereb** msemmija aktar il-fuq.

47. L-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. Mill-banda l-oħra, meta l-fatti fiż-żewġt azzjonijiet ikunu essenzjalment l-istess, bħal ma jirriżulta li sostanzjalment kienu f'dan il-każ, din il-Qorti għandha wkoll is-setgħa li tistħarreġ dawk il-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt ċivili li jkunu saru mill-Qrati ta' Ġustizzja Ċivili, b'mod partikolari meta u fejn il-kwistjoni tolqot interpretazzjoni ta' kuntratti – bħal ma ġara f'dan il-każ u fejn il-Qrati ta' Ġustizzja Ċivili għandhom l-ispeċjalizzazzjoni li jiddeċiedu fuq kwistjonijiet simili.

48. Meta imbagħad il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-fatti u kuntratti ċivili tkun deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili, issir impellenti fuq din il-Qorti li tieħu konjizzjoni wkoll ta' dak li jkun ġie deċiż minn dik il-Qorti tal-Appell Ċivili dwar l-istess fatt u interpretazzjoni ta' kuntratti u tad-dritt ċivili li jkunu jaqgħu fl-ispeċjalizzazzjoni superjuri ta' dik il-Qorti. Dan japplika b'mod partikolari meta r-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet ta' natura penali miġjuba fl-azzjoni kriminali jkunu wkoll marbuta ma interpretazzjoni ta' dawk l-istess fatti mgħarbla mill-lenti tad-dritt ċivili bħal ma ġara wkoll f'dan il-każ.

49. Dan jidher li kien ukoll il-ħsieb tal-partijiet f'dan il-każ meta b'verbal tal-4 ta' Lulju 2014 il-partijiet infurmaw lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) li l-meritu ta' din il-kawża kien ukoll jifforma l-meritu ta' kawża ċivili li dak iż-żmien kienet qegħda tinstema' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Imħallef Anthony Ellul (u li eventwalment ġiet deċiża u konfermata mill-Qorti tal-Appell Ċivili kif imsemmi iżjed il-fuq). F'dak il-verbal, il-partijiet qablu li din il-kawża titħalla sine die riappuntabbli fuq talba tal-partijiet wara li l-kawża ċivili tiġi deċiża.

50. Naturalment, tibqa' kompetenza esklussiva u prerogattiva sovrana tal-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li imbagħad tinterpreta l-fatti u l-Liġi penali fl-ambitu tal-proċeduri kriminali li jkunu qegħdin isiru quddiemha. U fil-fatt, wara li l-kawża ċivili quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ġiet deċiża fit-30 ta' Jannar 2015, il-parte civile, b'rikors datat 20 ta' Novembru 2015 talbu lil Qorti tal-Maġistrati sabiex terġa tqiegħed il-kawża fuq il-lista tas-smigħ tagħha biex din il-kawża titkompla tinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Minn hemm il-quddiem il-kawża kriminali kompliet tinstema' minn dik il-Qorti sakemm ġiet deċiża bis-sentenza appellata.

51. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħadet id-deċiżjoni li tiffoka fuq il-fatti li seħħew bejn il-partijiet sa mill-1 ta' Jannar 2012 u qieset dak il-perjodu temporali biss bħala li kien penalment rilevanti għall-fini tad-determinazzjoni tal-imputazzjoni kontra l-appellant. Is-sentenza kundannatorja tal-Qorti tal-Maġistrati kienet ibbażata fuq dan il-perjodu temporali biss u l-Avukat Ġenerali ma nterponiet ebda appell minn din is-sentenza jew minn dawn il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). B'hekk din il-Qorti hija issa marbuta b'dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'riferenza għall-perjodu ta' żmien imsemmi fis-sentenza u għajr ħlief għall-aggravji tal-appell sollevati mill-appellant din il-Qorti ma għandhiex aggravji oħra.

52. Bir-restrizzjoni tal-parametri temporali mill-1 ta' Jannar 2012 il-quddiem, il-Qorti tal-Maġistrati eskludiet ir-responsabbilta penali li l-appellant setgħa kellu fir-rigward t'episodji oħra li saru qabel dik id-data u li altrimenti setgħu jiġu inklużi fiha bl-interpretazzjoni differenti tal-frażi "xhur ta' qabel".[15] Dan jirrigwarda b'mod partikolari l-ftehim milħuq bejn il-kontendenti fis-6 ta' Ġunju 2011. Fil-fatt sa ċertu punt, bil-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati għażlet li tarġina l-perjodu temporali biss sa' mhux iżjed lura mill-1 ta' Jannar 2012, wassal għal qrubija akbar bejn il-kwistjonijiet diskussi f'dan il-każ ma dawk li kienu fil-fokus tal-proċeduri ċivili li ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell Ċivili imsemmija iżjed il-fuq.

53. Issa l-ewwel parti tal-ewwel aggravju f'dan il-każ titratta l-kwistjoni jekk f'każ ta' użurija l-fatt tas-self iridx ikun pruvat bħala element kostituttiv tar-reat tal-użurija, u allura pruvat li seħħ fil-parametri temporali imsemmija fl-imputazzjoni. Jekk il-ftehim bejn il-partijiet li sar fis-6 ta' Ġunju 2011 kien fil-fatt kuntratt ta' self (aktar

---

[15] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-appell kriminali, Il-Pulizija vs Jefrin Grech , deċiża nhar il-15 t'April 2021 fejn ingħad is-segwenti:

1. Mistqarr dan kollu b'hekk meta din il-Qorti tiġi konfrontata b'lokuzzjoni akkużatorja li tgħid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara" Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bħala li tirreferi għax-xahar ta' Lulju kollu, inkluż il-jiem u xhur ta' wara. Din il-frażi filwaqt li tinkludi "xhur", ma ssemmix "snin". Minn din il-lokuzzjoni tat-tieni imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara li pero ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar ċar u speċifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li għadd kbir ta' xhur jista' wkoll jikkostitwixxi snin. Iżda l-Liġi kriminali ma tistax tiġi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa. Ir-riferenza għal xhur għandha tkun ristretta għal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jagħmlux flimkien aktar minn sena. Għalhekk il-kelma "xhur" għandha tinftiehem li tinkludi sa massimu ta' total ta' tnax il-xahar inkluż ix-xahar li għalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkużatorju.

2. F'dan il-każ għalhekk din il-Qorti tista' tinterpreta t-tifsira ta' "xhur" bħala li tinkludi dak l-ispazju temporali bejn Lulju 2006 u l-aħħar jum ta' Ġunju 2007. Iżda mhux aktar minn hekk għaliex mad-dekors tal-aħħar jum ta' Ġunju jidħol fix-xena il-kuntest ta' "sena" jew "snin" – ħaġa li f'dan il-każ tħalliet barra mill-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni kontestata minnha lill-appellat.

milli ta' bejgħ), għalkemm is-self huwa wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat tal-użurija, mill-banda l-oħra l-fatt li dan is-self ikun sar barra mill-parametri temporali tal-imputazzjoni ma jaffettwax l-integrazzjoni tar-reat, dment li l-elementi l-oħra tar-reat tal-użurija – iġifieri r-riċezzjoni jew il-kisba tal-wegħda li jingħataw b'korrispettiv għal self imgħaxijiet jew qliegħ ieħor b'eċċess minn dak li jkun permess bil-Liġi (aktar l-isfel magħrufa bħala il-patwizzjoni) - jkunu ġew sodisfatti u li din il-patwizzjoni tkun magħmula fil-parametri temporali tal-imputazzjoni in kwantu l-mument konsumattiv tar-reat – u allura l-mument temporali l-iżjed rilevanti għall-integrazzjoni tar-reat – huwa l-mument fejn isseħħ il-patwizzjoni bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat. L-enfażi f'dan il-każ mhux daqstant **meta** jsir is-self tal-flus, iżda li jkun ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li jkun sar self ta' flus. Mill-banda l-oħra huwa kruċjali meta ssir il-patwizzjoni daqskemm meta jsir il-ftehim użurarju.

54. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eskludiet li l-patwizzjoni użurarja seħħet bil-ftehim li sar bejn il-partijiet fis-6 ta' Ġunju 2011 anke jekk għall-Qorti tal-Maġistrati dak il-ftehim kien fir-realta wieħed ta' self aktar milli wieħed ta' bejgħ. Il-Qorti tal-Maġistrati ma qiesetx li dak il-ftehim tas-6 ta' Ġunju 2011 kien imniġġeż bl-użura. Biss anke jekk kien wieħed ta' self, u dak kien self imniġġeż bl-użurija, bl-interpretazzjoni tal-perjodu temporali tal-imputazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza appellata dan kien allura jaqa' barra mill-parametri temporali tal-imputazzjoni u xorta waħda dik il-Qorti ma kienetx allura ssib ħtija fl-appellant. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Maġistrati ma waslitx għal dik il-konklużjoni.

55. Fi ftit kliem, dik il-Qorti qalet li dak il-kuntratt, għalkemm kien fid-dehra tiegħu kuntratt ta' bejgħ, fil-verita kien kuntratt ta' self ta' flus li pero, f'dak l-istadju, ma kienx għadu ġie mniġġeż bl-użura. Dak li, fil-fehma tal-Qorti tal-Maġistrati, kien il-ftehim li imbagħad irrenda dak is-self imniġġeż bl-użura "ex post facto" kien il-ftehim milħuq bejn il-konjuġi Worley u l-konjuġi Ellul fit-28 ta' Frar 2012 fejn hemmhekk ħarġet l-intenzjoni tal-appellant li jeżiġi mingħand il-parte civile qliegħ ogħla minn dak li kien permess bil-Liġi billi eżiġa li l-parte ċivile jirċievu ammont ta' flus ferm anqas minn dak li kien dovut li jitħallas lura lilhom: liema qliegħ kien sar in segwitu għall-ftehim tas-self kammuffat bħala bejgħ u konsegwentement issa dak is-self oriġinarju kien jista' jitqies imniġġes bi qliegħ bl-użura.

56. Mill-banda l-oħra, dwar dan l-istess kuntratt li kien milħuq bejn l-istess partijiet, il-Qorti tal-Appell Ċivili, kolleġjalment komposta, wara li qieset il-provi li kienu nġiebu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-ġdid, hija waslet għall-konklużjonijiet tagħha li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sens li l-ftehim milħuq bejn il-partijiet fis-6 ta' Ġunju 2011 ma kienx kuntratt ta' self iżda li fis-sustanza tiegħu kien kuntratt ta' bejgħ. Il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Ċivili kienet dijametrikament opposta għal dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar in-natura tal-ftehim li kien sar bejn il-partijiet fis-6 ta' Ġunju 2011.

57. Il-Qorti tal-Appell analizzat il-kwistjoni jekk dak in-negozju bejn il-konjuġi Worley u l-konjuġi Ellul konkluż fis-6 ta' Ġunju 2011 kienx wieħed ta' self jew kienx wieħed ta' bejgħ. F'dan il-kuntest l-imġieba tal-konjuġi Worley, inkluż in-natura tal-azzjoni magħmula quddiem il-Qorti Ċivili meta ġew biex jitolbu r-rimedju ċivili tagħhom li skonthom kienet titnissel minn dawn l-istess fatti, hija wkoll t'importanza kbira peress li tirrifletti wkoll mhux biss dak li huma xehdu fil-proċeduri kriminali, iżda tirrifletti wkoll kif huma kienu qegħdin jikkunsidraw ir-relazzjoni kuntrattwali li huma kellhom mal-konjuġi Ellul.

58. Għalkemm f'dawn il-proċeduri l-parte civile Worley qegħdin jinsistu li l-kuntratt li huma għamlu mal-konjuġi Ellul fis-6 ta' Ġunju 2011 kien fil-fatt kuntratt ta' self kammuffat bħala kuntratt ta' bejgħ (u allura bejn dak li huma kienu qed jintendu li jsir bejniethom ma kienx jaqbel ma dak li fil-fatt huma għamlu fil-prattika, biex b'hekk għamlu att ta' simulazzjoni) mill-banda l-oħra meta huma għamlu l-kawża ċivili, inkluż fl-istadju tal-appell, huma insistew li dak il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 ma kellux għalfejn jiġi impunjat b'simulazzjoni peress li huma qatt ma ppretendew li dik il-proprjeta tiġi ritornata lura lilhom jew li l-kuntratt tat-trasferiment tad-dar tas-6 ta' Ġunju 2011 jiġi mħassar. Iġifieri huma hemmhekk irrikonoxxew li l-kuntratt tal-bejgħ tad-dar tagħhom lil konjuġi Ellul kellu jibqa' fis-seħħ u ma kellux jitħassar!

59. Il-konjuġi Worley tennew li kellhom bżonn "b'self" is-somma ulterjuri ta' tlieta u sebgħin elf euro (€73,000) u ċedew għall-kundizzjoni li kien għamlilhom l-appellant f'din il-kawża li biex jivversalhom dawk il-flus, riedhom li jittrasferixxu din il-proprjeta fuq ismu. Imbagħad l-istess parte civile ikkontendew, kemm fil-kawża ċivili kif ukoll f'dik kriminali in disamina li dak il-kuntratt tal-bejgħ kien suġġett għall-kundizzjoni li l-konjuġi Worley kienu jibqgħu jirrisjedu

f'din il-proprjeta fuq mera tolleranza filwaqt li dik l-istess proprjeta trasferita lill-ELLUL kellha tiġi mibjugħa lil terzi persuni bil-prezz li ġġib fuq is-suq miftuh u mbagħad mir-rikavat ELLUL jitħallas l-ammont ta' tlieta u sebgħin elf euro (€73,000) kif ukoll l-ispejjeż kif ukoll l-imgħax skont il-Liġi filwaqt li l-bilanċ rimanenti mbagħad jiġi restitwit lill-konjuġi Worley.

60. Fil-fatt għalkemm l-appellant jikkontesta li kien sar xi ftehim f'dan is-sens, jirriżulta li verament li l-konjuġi Worley kienu rsistew biex isibu xerrej għal din il-proprjeta. U eventwalment kien sar konvenju u bejgħ tal-istess dar fi Frar tal-2012 lil Jesmond u Lara konjuġi Galea bil-prezz ta' mitejn u tletin elf euro (€230,000). Imbagħad pero, wara li sar dan il-bejgħ lil dawn it-terzi, l-appellant ELLUL żamm kollox għalih. Il-parte civile argumentaw, kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll quddiem il-Qrati Ċivili li b'hekk l-appellant ġie li għamel qliegħ : skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' mija u tlettax il-elf euro (€113,000) u fil-kawża odjerna skont l-Ispettur Angelo Gafa fl-ammont ta' mija ħamsa u sittin elf ħames mija ħamsa u għoxrin euro ħmistax il-ċenteżmu (€165,525.15) filwaqt li għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-appellant ELLUL kien spiċċa b'bilanċ totali finali pożittiv għalih ta' disa' u erbgħin elf disa mija u tletin euro (€49,930) b'mod li l-appellant ELLUL żamm għalih, skont dik il-Qorti s-somma ta' tnejn u għoxrin elf erba' mija u tletin euro (€22,430).

61. Fi kwalunkwe każ, il-parte civile argumentaw fiż-żewġ fora li ħadd ma jagħti l-proprjeta tiegħu b'terz tal-valur tagħha fuq is-suq u b'hekk dan il-każ kien juri li l-kuntratt li kien sar bejn il-partijiet kien kuntratt ta' self garantit bid-dar bil-kundizzjoni li jsiru l-konteġġi wara li tinbiegħ u minflok saru dawn il-konteġġi imbagħad sar ftehim fit-28 ta' Frar 2012 li bih ġiet kristallizzata l-użurija.

62. Biss għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jidher biċ-ċar li emnet il-verżjoni tal-parte civile u skartat kompletament il-verżjoni li forna l-appellant ELLUL – u tat raġunijiet motivati ħafna għal dawn il-konklużjonijiet tagħha - jirriżulta wkoll li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-ewwel u l-Qorti tal-Appell wara, ma laqgħux il-verżjoni tal-parte civile li l-ftehim li sar fis-6 ta' Ġunju 2011 kien fil-fatt self kammuffat bħala bejgħ. Kemm il-Prim Istanza kif ukoll l-Appell Ċivili saħqu li minkejja li semgħu il-verżjoni tal-parte civile u flewha bir-reqqa, ma sabux li dawn l-allegazzjonijiet tagħhom kellhom mis-sewwa meta imbagħad ġew mgħarbla fid-dawl tad-dritt ċivili in materja ta' kuntratti.

63. L-argument bażiku tal-Qrati Ċivili kien qabel xejn imsejjes fuq il-prinċipju bażiku "pacta sunt servanda" in kwantu l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal min jagħmilhom kif ukoll li dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-Liġi. Din ir-rabta kuntrattwali kellha tiġi rispettata peress li tkun tirrifletti r-rieda tal-partijiet għall-kuntratt u dik ir-rieda għandha tiġi osservata u tirbaħ.

64. Ladarba l-kliem tal-ftehim ikun ċar u ma jħallix dubju, imbagħad japplika l-prinċipju l-ieħor li "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur". Fi ftit kliem, bħala regola ma jistgħux jitqiesu ammissibbli provi b'xiehda kontra dak li jkun ġie miktub. Veru li din mhix regola assoluta u kull każ irid jiġi mistħarreġ fuq il-meriti tiegħu. Fil-fatt din ir-regola ma tapplikax f'dawk il-każijiet fejn l-att miktub ikun qiegħed jiġi impunjat minħabba simulazzjoni. L-anqas ma japplika dan il-prinċipju meta jkun jidher lill-Qorti li l-partijiet fuq il-kuntratt ikunu għamlu kuntratt biex jgħattu kuntratt ieħor li realment riedu jagħmlu u meta l-Qorti tkun persważa li jkun sar żball fil-kuntratt.

65. Issa f'dan il-każ ċivili tagħhom il-parte civile, għalkemm argumentaw li l-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 kien fil-fatt kuntratt magħmul intiż li jgħatti kuntratt ieħor – self kammuffat bħala bejgħ – mill-banda l-oħra fil-kawża ċivili tagħhom huma ma għamlux talba biex dak il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 jiġi impunjat u b'hekk jiġi mwaqqa'. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell ikkummentat ukoll li ma kienx jagħmel sens li f'nifs wieħed il-parte civile jitolbu rifużjoni tal-ammont li skonthom kien jirrappreżenta l-użura fuq dak il-kuntratt u fl-istess waqt ma jattakkawx dak il-kuntratt ta' bejgħ li skonthom ma kienx bejgħ xejn iżda li kien self kammuffat ta' bejgh. Fil-fatt ġaladarba dik il-Qorti rat li dak il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 ma ġiex attakkat, dawk il-Qrati ma setgħux iqisuh ħlief kuntratt ta' bejgħ u mhux kuntratt ta' self.

66. Fil-fatt ġie wkoll osservat mill-Qorti tal-Appell li mkien f'dak il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 ma ssemma li kien qiegħed isir xi self bejn il-partijiet. Anzi minn imkien ma setgħa jitqies li dak kien kuntratt ta' self in kwantu l-element essenzjali tal-kuntratt ta' self kien kompletament nieqes minnu.

67. Il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Ċivili taż-żewġt istanzi għalhekk ikkonkludew li f'dan il-każ, il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 kien jirrifletti dak li riedu l-partijiet fuqu peress eżattament kif il-parte civile qalu kemm fil-kawża ċivili kif ukoll f'dik kriminali, ELLUL kien għamel il-kundizzjoni li sabiex joħroġ il-flus li l-parte civile kienu talbuh, huma riedu li jbiegħulu l-proprjeta de quo. Ladarba l-parte civile – anke jekk kontra qalbhom u għax kienu jeħtieġu l-flus kontanti kemm jista' jkun malajr – aċċettaw dik il-kundizzjoni venditizja mill-aspett ċivili ma setgħux issa, wara l-kuntratt jerġgħu lura mill-kunsens mogħti minnhom fuq l-istess kuntratt. Anzi il-Qorti tal-Appell Ċivili saħqet li dak il-kuntratt ma kien jgħid xejn differenti minn dak li verament ftehmu l-partijiet dwaru u b'hekk ma setgħax ikun hemm interpretazzjoni oħra u differenti minn dak li kien ġie stipulat fuq dak il-kuntratt. L-att huwa simulat meta l-volonta tal-partijiet ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment għandu u ma jkunx hemm simulazzjoni meta l-partijiet ikunu kitbu dak li verament riedu.

68. Inoltre, il-Qorti tal-Appell Ċivili irrimarkat kif, anke jekk oltre dak il-ftehim ta' bejgh kien hemm il-ftehim ulterjuri msemmi mill-parte civile fis-sens li wara l-bejgħ lil ELLUL dak l-istess fond kellu jinbiegħ lil terzi persuni u mbagħad jaqsmu ma' ELLUL il-qliegħ minn dak il-bejgħ eventwali jew li saħansitra jitħalsu d-differenza wara li titnaqqas is-somma mislufa lilhom flimkien mal-imgħax "tal-gvern" jew skont il-liġi, kien allura jispetta lill-istess parte civile li jaraw li dan jitniżżel ukoll bil-miktub. Iżda ladarba huma naqsu milli jagħmlu dan kif ukoll li ma kienx hemm lok li l-kuntratt jingħata interpretazzjoni ulterjuri, minkejja li d-differenza fil-prezz imniżżel fil-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 kienet tirrifletti kemm il-parte civile kienu pressati għall-flus kontanti li riedu fi żmien qasir ma kienx ibiddel dan ix-xenarju kontrattwali.

69. Apparti minn hekk dik il-Qorti innotat ukoll kif anke mix-xiehda tan-Nutar Rachel Busuttil, li kkonfermat kemm il-parte civile kienu riedu li dan il-kuntratt isir bl-għaġġla, mill-banda l-oħra ma ssemmi xejn li kien hemm xi kuntratt ieħor wara dan il-kuntratt ta bejgħ. Apparti minn hekk, għalkemm dik il-proprjeta verament inbiegħet bi prezz baxx ħafna tenut kont tal-valur tagħha fuq is-suq miftuh, mill-banda l-oħra għall-fini ta' ħlas ta' taxxa fuq id-dokumenti dan l-istabbli ġie valutat skont il-valur tiegħu fuq is-suq miftuh u t-taxxa relattiva fuqu tħalset fuq il-valur reali tiegħu u mhux fuq il-prezz li bih xtrah ELLUL. Fil-fatt anke fil-proċeduri kriminali in-Nutar Busuttil xehdet bl-istess mod u kkonfermat ukoll li Cyril Worley kien kommoss, imbikkem u mħasseb mill-banda l-oħra l-appellant

ELLUL ma għamel ebda pressjoni fuqu; anzi qallu li jekk ma riedx ikompli bil-kuntratt setgħu jieqfu hemm.

70. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Ċivili ikkonfermat il-konklużjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sens li l-parte civile ma pruvawx, l-anqas fuq bażi ta' probabbilita, li l-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 kien kuntratt ta' self garantit bid-dar bil-kundizzjoni li jsiru l-konteġġi wara l-bejgħ mill-ġdid tagħha lil terzi.

71. Il-Qorti tal-Appell Ċivili saħqet ukoll l-argument, li in parti ġie wkoll ċitat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza appellata li ftehim fejn kreditur jista jasal li jieħu imgħax aktar minn dak li tippermetti l-liġi huwa null; kif ukoll li ftehim milqut bl-użurija huwa, għal dak li jirrigwarda l-użura, null b'mod assolut – ineżistenti – in kwantu illeċita kemm għax projbita mill-Liġi kif ukoll fir-rigward ta' min jissellef biex b'hekk dik is-somma mħalsa b'użura trid tiġi mrodda' lura lil min ħallasha u ma tifforma qatt obbligazzjoni naturali. Iżda mill-banda l-oħra dik il-Qorti saħqet ukoll li l-użura ma twassalx għan-nullita tal-ftehim tas-self fih innifsu iżda twassal għan-nullita tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħaxijiet ogħla minn tmienja fil-mija. L-obbligazzjoni ta' self għandha kawża differenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax użurarju. Is-self jista' jkollu kawża ġusta, iżda l-użurija ma jista' qatt ikollha kawża ġusta, u b'hekk ma jista' jkollha qatt effett fil-liġi.

72. Fil-fatt jekk u meta l-użurija tiġi pruvata, din teħles lid-debitur mill-eċċess. Biss f'dan il-każ, il-parte civile ma pruvawx, sal-grad tal-probabbli quddiem dawk il-Qrati Ċivili li l-każ tagħhom kien wieħed ta' użura. Il-Qorti tal-Appell Ċivili sostniet dan minkejja li l-parte civile kienu wrew li kellhom problemi finanzjarji, kienu waqgħu f'ċirku vizzjuż ta' self ma diversi nies iżda ma ġiex pruvat li l-appellant kien ukoll parteċipi f'dik is-sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha l-parte civile. Żiedet ukoll tgħid li wara li saru żewġ skritturi ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-appellant ELLUL kien irrifjuta li jkompli jislifhom il-flus. Imbagħad kien iddeċieda li jtihom flus biss jekk huma jbiegħulu d-dar. Dik il-Qorti qalet ċar li jista jkun li l-appellant ELLUL approfitta ruħu mis-sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha l-parte civile u b'hekk xtara dik il-proprjeta bi prezz ħafna irħas mill-prezz tas-suq; iżda dik il-Qorti xorta sostniet il-prinċipji ta' "pacta sunt servanda" u li "contra testimonium scriptum, testimonium non scritpur non fertur".

73. Il-parte civile saħqu fuq il-fatt li l-iskrittura tat-28 ta' Frar 2012 kienet waħda li fuqha huma kienu kostretti li jaċċettaw ħlas ta' €27,500 li fiha nnifisha – apparti l-kuntest li saret fiha – kienet turi li f'dan il-każ kien hemm is-self bl-użura, liema użura kienet kwistjoni t'ordni pubbliku u li minkejja l-iskritturi li jkunu saru l-kreditur ma jkollux jedd għalihom; u fejn dawn l-interessi użurarji jkunu għaddew għand il-kreditur fil-forma ta' proprjeta id-debituri kellhom jingħataw rifużjoni tal-ammont determinat bħala użurarju. Ebda att ma setgħa jintuża biex jinħeba jew jagħti legalita lil obbligazzjoni li tkun kontra l-ordni pubbliku bħal ma ġara f'dan il-każ bl-iskrittura tat-28 ta' Frar 2012, jgħidu l-parte civile fl-appell ċivili tagħhom.

74. Iżda anke hawn il-Qorti tal-Appell Ċivili ma qablitx ma din il-linja ta' ħsieb. Sostniet li bħal ma qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qabilha, ladarba l-parte civile kienu għażlu li jiffirmaw il-ftehim tat-28 ta' Frar 2012, huma ma setgħux issa jippruvaw ireġġgħu l-arloġġ lura f'tentattiv li jirċievu iżjed flus minn dak li volontarjament aċċettaw sabiex tingħalaq il-kwistjoni darba għal dejjem. F'dawk il-proċeduri ċivili l-parte civile l-anqas ma attakkaw il-ftehim tat-28 ta' Frar 2012 fis-sens li dan kien difettuż fil-forma jew fis-sustanza tiegħu jew li kien milqut minn xi żball. Ladarba l-parte civile kienu aċċettaw li jiffirmaw dik l-iskrittura ta' kwittanza ma setgħux jitolbu rifużjoni ta' flus fuq pretensjoni t'arrikkiment indebitu peress li wara li ħadu l-flus kellhom ripensament.

75. Illi kieku din il-Qorti kellha tqis biss il-valur awtorevoli ta' dawn iż-żewġt sentenzi tal-Qrati Ċivili, trid tasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ il-bażi tal-azzjoni kriminali li tistrieħ fuq il-kuntratt magħmul fis-6 ta' Ġunju 2011 nonche dak iffirmat fit-28 ta' Frar 2012 ma tissodisfax wieħed mill-element kostituttivi tar-reat ta' użura in kwantu ġaladarba ma rriżultax lil dawn iż-żewġt Qrati - l-anqas sal-grad tal-probabbli - li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' self (għalkemm garantit bl-istabbli de quo), aħseb u ara kemm jista' jingħad li, bi provi li kienu kważi identiċi, ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dak il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 kien fil-fatt self, imniġġeż bl-użurija.

76. Iżda kemm skont dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Ċivili (ċjoe li dak il-kuntratt ma kienx ftehim ta' self iżda kien ftehim ta' bejgħ li għal massimu setgħa kien bejgħ kundizzjonat) u kemm minħabba li l-parte civile stess ikkonċedew li dak il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 ma kellux jitwaqqa' u jitħassar (mossa stramba din, ġaladarba jekk huma verament kienu jemnu li dak kien kuntratt ta self u mhux ta'

bejgħ, allura l-loġika trid li huma jattakkaw dak il-kuntratt u mhux jistrieħu fuqu fil-kawża ċivili u sa' ċertu punt f'dik kriminali) dan ifisser li, anke jekk Cyril Worley deher kommoss, pero fl-aħħar xorta waħda kkonsenta biex huma jidħlu f'dak il-kuntratt ta' bejgħ tad-dar, (għalkemm suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi li kienu jinkludu li huma jitħalsu l-ammont imsemmi fuq dak il-kuntratt bħala parti mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar (biex b'hekk ikollhom il-flus – madwar €73,000 - li kellhom bżonn immedjatament) u peress li mbagħad il-kumplament tar-rikavat kellhom jeħduh mingħand ELLUL wara li l-fond ikun inbiegħ lil terzi bi prezz li jkun jirrifletti iżjed il-valur fis-suq tiegħu wara li jkunu nqatgħu spejjeż u imgħaxijiet). F'dak ix-xenarju legali, meta imbagħad l-appellant naqas milli jimxi mal-ftehim li l-parte civile jgħidu li huma kienu laħqu miegħu li jkomplu jaqsmu mir-rikavat tal-bejgħ eventwali lil terzi, għalkemm l-appellant ma jkunx jista' jitqies li kkommetta r-reat ta' użurija (in kwantu ma kien hemm ebda kuntratt ta' self bejn il-partijiet), mill-banda l-oħra ma jistax jiġi eskluż li b'dak l-aġir l-appellant setgħa rrenda ruħu ħati ta' reat ieħor, li pero ma ġiex mixli bih.

77. Apparti dawn ir-raġunijiet, anke jekk u biss, għall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha twarrab minn quddiemha l-konklużjonijiet li waslu għalihom il-Qrati ta' Ġustizzja Ċivili f'dan il-każ fir-rigward tal-kuntratti imsemmija, u temmen il-verżjoni tal-parte civile u tqis li fl-aħħar mill-aħħar il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 kien fil-fatt kuntratt ta' bejgħ li jaħbi self użurarju, din il-Qorti xorta waħda ssib li teżisti problema oħra biex tkun tista' tikkonferma l-ħtija tal-appellant fil-parametri prefissi mill-Qorti tal-Maġistrati, u li issa ma jistgħux jiġu mibdula minn din il-Qorti, ġaladarba ma sarx appell mill-Avukat Ġenerali dwar il-limitazzjoni tal-perjodu temporali imsemmi.

78. Dan qiegħed jingħad peress illi **<u>jekk</u>** il-parte civile jitwemnu fix-xiehda tagħhom, kif emnet il-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ, allura kontra dak li saħqet il-Qorti tal-Maġistrati, wieħed ikun irid iqis il-kuntratt li sar fis-6 ta' Ġunju 2011 bħala li kien il-kuntratt determinanti għall-fini tal-kommissjoni tar-reat tal-użurija aktar milli dak li sar fit-28 ta' Frar 2012. Jekk il-parte civile jitwemnu f'dak li xehdu, huwa laħqu l-ftehim oġġettivament użurarju mal-appellant fis-6 ta' Ġunju 2011 meta, bl-istess argument tagħhom, kien hemm pattwizzjoni oġġettivament użurarja u meta allura huma aċċettaw li jċedu proprejta tagħhom b'valur ferm ogħla minn dak li kien dovut minnhom lill-appellant. Semmai bl-istess argument tagħhom, dak li għamlu fis-27 ta' Frar 2012 ma kienx holqien ta' patt użurarju (ġdid)

u allura l-kommissjoni tar-reat tal-użurija, iżda ftehim li bih **<u>naqsu l-effetti tar-reat</u>** ġia kommess u perfezjonat mill-wegħda użurarja milħuqa fis-6 ta' Ġunju 2011 biċ-ċessjoni tal-proprjeta tagħhom għal valur baxx ħafna komparat mal-prezz reali tiegħu.

79. Il-parte civile jgħidu li meta sar il-ftehim tas-6 ta' Ġunju 2011 għalkemm fil-bidu kellu jsir self garantit b'ipoteka ulterjuri fuq l-istabbli de quo, kien l-appellant li nsista magħhom li, sabiex itihom il-flus, huwa ried li l-proprjeta tal-parte civile tiġi maqluba fuq ismu. Il-parte civile jgħidu li minħabba l-ħtieġa urġenti li kellhom għall-flus kontanti biex iħalsu dejn użurarju ieħor lil terza persuna huma ċedew għal din il-proposta tal-appellant.

80. Skonthom, dan il-ftehim kellu jkun tali li huma jbiegħu il-fond de quo lil ELLUL bil-prezz ta' €93,100. Minn dawn huma ddikjaraw li kienu diġa rċevew is-somma ta' €16,500. Dan fil-fatt jaqbel mal-ammonti li huma kienu diġa sselfu preċedentement mingħand l-appellant. Imbgħad il-kumplament ta' €76,600 tħalsu mill-appellant lil parte civile fuq il-kuntratt. Dan huwa kważi eżatt kemm huma riedu li jisselfu ulterjorment mingħand l-appellant.

81. Skont l-istess parte civile, huma kellhom jibqgħu jirrisjedu fil-fond fuq mera tolleranza. Iżda aktar minn hekk ma ġie mniżżel xejn iżjed fil-kuntratt de quo. Skont il-parte civile, dan il-fond kellu jinbiegħ lil terzi bil-prezz tas-suq, u mbagħad minn dan ir-rikavat l-appellant jitħallas l-ammonti li kienu dovuti lilu b'self, flimkien mal-imgħax "tal-gvern" (skont Mary Rose Worley), jew "flimkien mal-interessi stipulati bil-liġi" skont il-ġja spettur tal-Pulizija Angelo Gafa. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li dan il-ftehim ma kienx jista' jitqies li huwa ftehim użurarju in kwantu ma kienx hemm xi patwizzjoni ta' imgħax oltre t-tmienja fil-mija.

82. Issa effettivament meta wieħed iħares oġġettivament lejn dan il-ftehim xorta waħda jindika li l-appellant kien qiegħed jingħata proprjeta bi prezz li kien redikolu meta mqabbel mal-prezz fis-suq miftuħ. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet l-analiżi approfondita tagħha għaliex irriteniet li dan il-kuntratt kellu jiġi meqjus bħala self aktar milli bejgħ; u sostniet dan kemm bis-saħħa ta' konklużjonijiet mill-provi prodotti kif ukoll mill-imġieba tal-appellant innifsu skont kif dettaljat fis-sentenza.

83. Iżda jekk wieħed kellu jilqa' dan ir-raġunament tal-Qorti tal-Maġistrati fejn qieset li dan il-kuntratt fil-fatt kien kuntratt ta self u

mhux kuntratt ta’ bejgħ, indipendentement minn dak li qalu l-parte civile, oġġettivament, kien dan il-kuntratt li kellu jiġi meqjus li kien fih elementi użurarji. Dan peress li meta wieħed iqis li l-“prezz” ta’ dan il-bejgħ kien marbut esklussivament mal-ammont ta’ flus preċiż li l-parte civile kienu sselfu mingħand l-appellant, allura – indipendentement mill-allegat ftehim milħuq bejniethom fuq l-interessi - bl-istess loġika jfisser li l-parte civile kienu ċedew lill-appellant proprjeta li tiswa’ mija sitta u tmenin elf u mitejn euro (€186,200) (ossija l-valur dikjarat għall-fini ta’ taxxa) versu dejn li huma kellhom ta’ tlieta u disgħin elf u mitt euro (€93,100). Minn dik l-ottika, dan fih innifsu, dan il-ftehim tant kien oġġettivament ekonomikament sfavorevoli u opprimenti għall-parte civile, li wieħed kien jistenna lil dan il-kuntratt li jitqies oġġettivament użurarju jekk, kif jgħidu l-parte civile, dan kien self “garantit” bil-proprjeta innifisha. Iżda in bażi għax-xiehda tal-parte civile, l-Qorti tal-Maġistrati ikkonkludiet li dak il-ftehim ma kienx użurarju in kwantu f’dak il-mument ma kienx hemm l-aċċettazzjoni da parti tal-parte civile li jħalsu interessi użurarji. Biss jekk dik il-Qorti qieset dak il-kuntratt bħala self, dawk il-kundizzjonijiet pattwiti tant kienu oġġettivament żvantaġġjużi li setgħu jitqiesu bħala oġġettivament użurarji – u allura l-mument tal-konsumazzjoni tar-reat tal-użura kellu jitqies bħala dak tal-konklużjoni tal-kuntratt tas-6 ta’ Ġunju 2011.

84. Iżda skont il-parte civile, il-ftehim ma kienx sempliċiment li jinbiegħ dan il-fond bil-prezz ta’ tlieta u disgħin elf u mitt euro (€93,100) iżda li l-ftehim kien li huma, eventwalment meta l-fond jinbiegħ lil terzi jkollhom awment fl-ammont tar-rikavat minn dak il-bejgħ li ma kellux ikun hemm fih elementi t’interessi iżjed minn tmienja fil-mija. Iġifieri l-parte civile f’kull stadju, anke jekk it-teżi tagħhom titwemmen, eskludew li huma jaċċettaw interessi użurarji – inkluż fil-kuntratt tas-27 ta’ Frar 2012 in kwantu huma mhux talli qablu ma’ dak il-kuntratt talli wara li kienu ħadu lura parti mill-flus tar-rikavat tal-bejgħ tal-fond lil terzi, li pero kienu anqas minn dak li pretendew li kien imisshom - huma issa pruvaw li jimpunjaw dak il-ftehim billi qalu li kien ftehim użurarju.

85. Din il-Qorti jidhrilha li b’dak li għamlu l-parte civile, huma daħlu lilhom infushom fi sqaq li kien diffiċli toħroġ minnu – kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. Għalkemm dawn il-proċeduri kriminali huma separati mill-proċeduri ċivili, din il-Qorti ma tistax tinjora dak li qalu l-parte civile bil-ġurament tagħhom quddiem dawn il-Qrati u l-anqas tista’ tinjora l-mod kif huma proċedew kemm quddiem il-Qrati Ċivili u kif ukoll quddiem dawn il-Qrati Kriminali. Bniedem ma jistax imur

quddiem Qorti Ċivili u jitlobha li tikkonferma li kuntratt ta' bejgħ jibqa' fis-seħħ u ma jiġix imwaqqa b'simulazzjoni anke jekk kien jaħbi self użurarju biex imbagħad jibdel id-diska u jiġi quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li dak il-kuntratt kien kuntratt ta' self imniġġes bl-użura minkejja li ma jkunx impunjah. F'dan il-każ il-parte civile mxew b'inkonsistenza li xejn ma għenet il-kawża tagħhom. Jekk il-kuntratt tas-6 ta' Ġunju 2011 kien kuntratt ta' self b'użura, huma kienu mistennija li jattakkaw dak il-kuntratt mill-bidu nett, u mhux jistrieħu fuqu billi jaċċettaw li dak il-kuntratt kien kuntratt ta' bejgħ u ma jagħmlu xejn biex iwaqqgħuh. Din ma kienetx azzjoni koerenti.

86. Dan huwa punt fundamentali f'dan il-każ in kwantu l-kuntratt ta' self u l-kuntratt ta' bejgħ ma humiex l-istess fid-dritt. Il-parte civile verament kellhom bżonn il-flus. Huwa riedu akkost ta' kollox li jottjenu l-flus mingħand l-appellant kemm jista' jkun malajr. Jekk il-parte civile jitwemnu f'dak li qalu, huma kienu disposti li jaċċettaw il-proposta, anke jekk indiċenti tiegħu, li jbiegħulu d-dar bi prezz baxx biex ikollhom f'idejhom il-flus kemm jista' jkun malajr. Dak ma kienx self. Dak kien bejgħ ta' proprjeta bi prezz baxx li kienu lesti jaċċettaw biex ikollhom il-flus f'idejhom kemm jista' jkun malajr. Iżda anke jekk, għall-grazzja tal-argument jingħad li dak kien bejgħ li jaħbi self xorta jibqa' l-fatt li tant kien oġġettivament ekonomikament svantaġġjuż u opprimenti għall-parte civile li dik il-Qorti ma setgħetx ma ssibx li kien dak l-mument tal-patwizzjoni użurarja u l-mument fejn allura ladarba qiesitu bħala kuntratt ta' self kellu jitqies il-mument fejn ġie konkluż ir-reat tal-użurija oġġettiva. Iżda dik il-Qorti eskludiet dan ix-xenarju kemm billi qatgħet il-barra s-6 ta' Ġunju 2011 mill-parametri temporali tal-imputazzjoni, kif ukoll qieset li f'dak l-istadju l-parte civile ma kienux qablu li jħalsu imgħaxijiet użurarji.

87. Fil-fatt skont il-parte civile il-ftehim tal-bejgħ tad-dar tagħhom lil konjuġi Ellul ma waqfitx hemm. Il-ftehim, skonthom, kien li l-kumplament tar-rikavat – u ċjoe d-differenza bejn il-prezz li huma ħadu mingħand l-appellant għall-prezz veru fis-suq miftuħ – huwa kellhom jirċievuhom mingħand l-appellant **<u>wara</u>** li l-istess fond jiġi mibjugħ lil terzi mill-appellant. Huma l-parte civile stess li jisħqu li kien hemm dan il-ftehim ta' bejgħ tad-dar bi prezz baxx iżda b'wegħda li jitħallas ammont ieħor ulterjuri mir-rikavat eventwali tal-bejgħ lil terzi wara li jinqatgħu l-ispejjeż u l-imgħaxijiet skont il-Liġi – dato li huma kellhom diġa ammonti ta' flus mislufa lilhom preċedentement mill-appellant.

88. Din il-parti tal-allegat ftehim mal-appellant dwar ħlas ulterjuri mir-rikavat eventwali mill-bejgħ tal-fond lil terzi ma ġietx miktuba bejn il-partijiet u ġiet ukoll kontradetta mill-appellant. Il-parte civile pero jgħidu li ħabirku sabiex sabu xerrejja oħra. Fil-fatt ftit xhur wara sar dan il-bejgħ tal-istess fond lil terzi persuni bl-intervent tal-parte civile u l-fond ġie mibjugħ mill-appellant lil dawn it-terzi bi prezz li kien sodisfaċenti għall-parte civile. Iżda meta ġew għas-si u n-no, l-appellant ma żammx mal-ftehim li l-parte civile jgħidu li kienu laħqu bejniethom biex jaqsmu r-rikavat tal-prezz tal-fond mibjugħ lit-terzi biex jirrapreżanta l-ammont mir-rikavat li l-parte civile kienu qegħdin jippretendu li jitħalsu – dejjem mingħajr ma qatt aċċettaw li jisselfu mingħand l-appallant bl-użura. Iġifieri jekk xejn stando ma dak li xehdu l-parte civile huma qatt ma kienu akkonsentew li jwegħdu l-ħlas t'imgħaxijiet użurarji lill-appellant.

89. Iżda skont il-parte civile l-appellant ma wettaqx il-ftehim verbali milħuq bejniethom li jkomplu jaqsmu r-rikavat mill-bejgħ ulterjuri tal-fond da parti tal-appellant lil terzi. Daħaq bihom. Mar lura minn kelmtu in segwitu għal dan it-tieni bejgħ. Iżda, kif qalet il-Qorti tal-Appell Ċivili, dan mhux użura. Semmai setgħa kien jikkostitwixxi reat ieħor li pero ma ġiex mixli bih l-appellant.

90. F'dan il-kuntest għalhekk din il-Qorti ma tistax tqis li f'dan il-każ li l-Prosekuzzjoni pruvat il-każ tagħha tar-reat ta' użura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Apparti minn hekk l-anqas ma din il-Qorti tista' tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta legalment u raġonevolment meta hija rrestrinġiet il-parametri temporali tal-imputazzjonijiet għal dak li seħħ mill-1 ta' Jannar 2012 il-quddiem u dan peress li b'din id-deċiżjoni ġiet eskluża r-rilevanza penali dwar atti li setgħu kienu naxxenti minn kuntratti varji li seħħew preċedentement bejn il-partijiet. Iżda minn dan il-punt l-anqas ma kien hemm appell minn naħa tal-Avukat Ġenerali u b'hekk ir-responsabbilta penali tal-appellant kellha tiġi mistħarġa biss fil-parametri tas-sejbien ta' ħtija kif konfinata mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha. In definittiva, għalkemm l-imġieba tal-appellant fil-perjodu rilevanti determinat mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha ma kienet xejn eżemplari u etika, il-mod li bih imxew il-parte civile f'dan il-każ kien wieħed dubjuż u xejn konsistenti bejn ir-rimedji ċivili li talbu u l-proposizzjoni tal-azzjoni kriminali tagħhom li suppost kellha tkun linejari, iżda li rriżultat li ma kienetx, b'mod għalhekk li ma ħallietx lok għal kjarezza li kienet mistennija li tiġi stabbilita fi proċeduri ta' natura kriminali fejn ir-responsabbilta tal-akkużat trid tiġi stabbilita lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

91. Konsegwentement f’dan ix-xenarju l-appell sejjer ikollu jiġi milqugħ.

# Decide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**